**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tad-9 t'Ottubru 2015

Talba Numru: 626/2013

Numru fuq il-Lista: 12

**Albert F.S. Manduca Limited (C-247)**

**vs.**

**Andrew Pace** taħt l-isem kummerċjali Salvino's
u b'digriet mogħti mit-Tribunal nhar it-Tlieta sebgħa (7) ta' Jannar 2014,
ġiet kjamata in kawża is-soċjeta`
**Aphrodite Limited C-37038**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-1 t'Ottubru 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' tlett'elef erba' mija u wieħed u sebgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€3,471.73) premess illi:

> Is-soċjeta` attriċi titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas is-soċjeta` attriċi is-somma ta' tliet elef, erba' mija u wieħed u sebgħin euro, tlieta u sebgħin ċenteżmi (€3,471.73c) rappreżentanti prezz ta' merkanzija lilek mibjugħa u kkonsenjata iżda mhux imħallsa hekk kif jirriżulta mis-*statements* annessi.
>
> Bl-ispejjeż.

Ra r-**Risposta tal-konvenut**, ippreżentata fit-30 t'Ottubru 2013 fejn huwa eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti qatt ma nnegozja mas-soċjeta` attriċi u kien biss impjegat tas-soċjeta` Aphrodite Limited (C-37308) li da parti tagħha kienet tiġġestixxi ir-restaurant Salvino's;

2. Illi fi kwalunkwe każ it-talba kellha tiġi postulata fil-konfront tas-soċjeta` Aprodite Limited (C-37308) u se mai għandha tiġi kjamata fil-kawża;

> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet mogħti fis-7 ta' Jannar 2014 fejn it-Tribunal laqa' t-talba sabiex tiġi kjamata in kawża is-soċjeta` Aphrodite Limited C-37308.

Ra r-**risposta** tas-soċjeta` kjamata in kawża **Aphrodite Limited**, ippreżentata fl-4 ta' Frar 2014, fejn hija eċċepiet:

> Preliminarjament, is-soċjeta` Aphrodite Limited mhijiex il-leġittimu kontradittur tas-soċjeta` rikorrenti u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> Illi s-soċjeta` esponenti qatt ma daħlet fl-ebda negozju jew trattattiv mas-soċjeta` rikorrenti.

Illi l-persuna responsabbli għall-ħlas pretiż mis-soċjeta` rikorrenti hija l-konvenut, Andrew Pace, kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

Illi f'kull eventwalita, is-soċjeta` rikorrenti trid tipprova kull somma pretiża permezz ta' din il-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Ra l-verbal tat-28 ta' Novembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok, jibda biex jingħad illi s-soċjeta` attriċi irnexxielha tipprova b'mod suffiċjenti t-talba tagħha u dana billi ippreżentat prospett tal-fatturi kollha kif ukoll kull fattura in sostenn tat-talba tagħha. Effettivament il-kwistjoni li allura għandu quddiemu dan it-Tribunal m'hijiex jekk l-ammont pretiż huwiex dovut jew le, iżda minn min huwa dovut, jekk hux mill-konvenut jew mis-soċjeta` kjamata in kawża.

Is-sitwazzjoni hija ta' restorant fil-Belt Valletta jismu Salvino's, ġestit mis-soċjeta` kjamata in kawża Aphrodite Limited. Din is-soċjeta` impjegat magħha lill-konvenut illi effettivament kien jieħu ħsieb it-tmexxija tal-ħanut u wkoll il-kċina bħala chef. Ir-rappreżentant tas-soċjeta` kjamata in kawża, is-Sur Francis Sullivan, kien jattendi f'dan ir-restorant biss biex jiekol. Pero jirriżulta li l-istess soċjeta` kienet tieħu ħsieb ix-xogħol relatat mat-tlestija ta' accounts, formoli ta' Taxxa u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u ħwejjeġ bħal dawn.

M'hemmx dubju li l-konvenut kien jippresta ruħu bħala s-sid tar-restorant u cioe bħala "chef patron", mhux biss mas-suppliers tal-ħanut, fosthom is-soċjeta` attriċi, iżda wkoll fuq il-mezzi tax-xandir. Fil-fatt, is-soċjeta` attriċi saret taf bl-involviment tal-kumpanija, meta l-affarijiet ma baqgħux mexjin sewwa. It-Tribunal, filwaqt li jħoss li l-konvenut ma kienx korrett li għamel dan, ma jaħsibx li dan sar b'mala fede biex iqarraq b'xi *suppliers* iżda jidher li huwa kellu ċertu *pride* fuq xogħolu u dana qabel ma qraset ir-relazzjoni tiegħu mas-soċjeta` kjamata in kawża.

Pero' ai fini ta' responsabilita, anke jekk is-soċjeta` attriċi ma kinitx taf li l-konvenut kien qiegħed jaġixxi għan-nom ta' terzi, dawn it-terzi u ċioe is-soċjeta` kjamata in kawża innifisha kienet ben konsapevoli tal-fatt illi s-sur Pace kien impjegat tagħha, u li dak li kien qiegħed jikkontratta hu, kien qed isir fil-ġestjoni tar-restorant tagħha Salvino's. M'huwiex leġittimu li f'dan l-istadju tfarfar ir-responsabilita tagħha sempliċiment għax għandha suspetti ħżiena dwar il-mod kif kien qed imexxi l-konvenut. Tant hu minnu li l-konvenut kien jaġixxi għan-nom ta' Aphrodite Limited illi s-Sur Sullivan fl-affidavit tiegħu jgħid hekk: "lil Andrew tajtu struzzjonijet ċari li ma jtellax djun ma' suppliers" Il-fatt li qed jagħtih dawn l-istruzzjonijiet ifisser li s-sur Sullivan kien konsapevoli tal-fatt li d-djun riedet tagħmel tajjeb għalihom is-soċjeta` minnu rappreżentata.

Is-soċjeta` kjamata in kawża tallega illi l-inbid mertu ta' din il-kwistjoni seta ġie wżat mill-konvenut għal *outside catering* li kien qiegħed jagħmel. Din l-allegazzjoni ma ġiet bl-ebda mod ippruvata. Anzi huwa kkonfermat li l-inbid *invoiced* mis-soċjeta` attriċi dejjem ġie kkunsinjat fir-restorant Salvino's. L-istess inbid kien fuq il-wine list tar-restorant. Jekk huwa kellux permess jew le biex jagħmel tali *outside catering*, hija kwistjoni kompletament barra mill-kompitu ta' dan it-Tribunal.

Is-sur Francis Sullivan jagħmel ċertu domandi leġittimi fl-affidavit tiegħu, bħal x'sar minnu l-inbid li kien konsenjat? Pero hija fehma ta' dan it-Tribunal li dawn id-domandi kellu jagħmilhom ferm qabel, u cioe meta l-konvenut kien qiegħed imexxi l-ħanut. Kien hemm negliġenza min-naħa tas-soċjeta` kjamata in kawża fis-superviżjoni li kellha tagħmel fuq il-konvenut impjegat tagħha.

Inoltre jirriżulta li anke jekk l-isem indikat fuq il-fatturi mertu ta' din il-kawża huwa Andrew Pace, in-numru tal-VAT fuq l-istess fatturi huwa tas-soċjeta` kjamata in kawża, u għaldaqstant bħala, konsegwenza l-istess fatturi tista' tibbenefika minnhom ai finijiet ta' rimbors ta' VAT is-soċjeta` kjamata in kawża u mhux il-konvenut.

In vista ta' dan kollu hawn fuq suespost u mingħajr pregudizzju għal kwalsiasi azzjoni spettanti lis-soċjeta` kjamata in kawża fil-konfront tal-konvenut, hija fehma ta' dan it-tribunal illi l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi hija responsabbli għalih is-soċjeta` kjamata in kawża u għaldaqstant ghandha tkun hi li tħallsu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` kjamata in kawża u konsegwentement jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju u jikkundanna lis-soċjeta` kjamata in kawża tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tliet elef, erba' mija u wieħed u sebgħin euro, tlieta u sebgħin ċenteżmi

(€3,471.73c), bl-imgħax legali fiċ-ċirkostanzi dekorribbli mill-1 t'Ottubru 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tas- soċjeta` kjamata in kawża.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur